**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT INKWIRENTI**
**DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**604/24**

**Illum, 9 ta' Settembru, 2024**

**Fl-atti tal-inkjesta rigward mewta ta' certu Stephen Mangion gewwa l-isptar Mater Dei nhar it- 28 t'Awwissu 2024**

Wara rapport verbali tal-Pulizija Spettur [redacted], il- Magistrat Inkwerenti gie nfurmat illi nhar nhar it-28 t'Awwissu 2024, għall-ħabta ta' 01:00Hrs, is-sottoskritt ġie informat li ftit tas-sighat qabel, u ċioe għall-ħabta ta' 23.00Hrs, certu Stephen Mangion, detentur tal-karta tal- identita' bin-numru [redacted] kien miet fil-"waiting room" tal- Emerġenza ġewwa l-isptar Mater Dei.

Illi minn stharrig preliminari rrizulta li is-Sur Mangion kien daħal b'mod volontarju u waħdu ġewwa l-isptar Mater Dei nhar is-27 ta' Awissu 2024, għall-ħabta ta' 20:30Hrs, minħabba l-fatt li ma kienx qed iħossu sew.

Illi għall-ħabta ta' 22:30Hrs, dan informa r-reception li kien qed iħoss uġiegħ f'sidru u wara ftit tal- ħin, dan ikolassa mal-art. Hemmek, tim mediku bdew jagħmlu "CPR" iżda sfortunatament kien kollu għalxejn. Illi, s-Sur Mangion ġie ċċertifikat mejjet min [redacted] reg: [redacted] għall-ħabta ta' 23:00Hrs

Illi, l-isptar kien hemm il-familjari tal-vittma u ċioe, l-ex mara tiegħu ċerta [redacted], detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru [redacted] u ż-żewġ it-

tfal ċerti [redacted] detentur tal-karta tal-identita' [redacted] u [redacted], detentur tal-karta tal-identita' bin-numru [redacted] Dawn ġew mitkellma fejn stqarrew li s-Sur Mangion kien ibati min "pressjoni għolja" u apparti min hekk aktarx ma' kienx qed jieħu l-medikazzjoni għaliha.

Illi fit-3 ta' Settembru, 2024 Spettur [redacted]pprezenta rapport addizjonali u nforma lil Magistrat Inkwerenti illi nhar it-28 t'Awwissu 2024, is-sottoskritt kien informak bil- mewt ta' certu Stephen Mangion, gewwa l- Isptar Mater Dei.

Illi min stharrig li ghamel is-sottoskritt ulterjuri, rrizulta li Stephen Mangion kienu ilu muguh min xi l-erbgha ta' filghodu tas- 27 t'Awwissu 2024.

Illi ghal-habta ta' 18:00Hrs, dan s-Sur Mangion cempel it-"Telemedicine" fejn gie mitkellem min [redacted]ID: [redacted], fejn dan ilmenta li kellu min ugiegh f'sidru. Ghalkhemm ma kellux sintomi ta' attakk tal-qalb, dan xorta rreferih biex jigi nvistat fic-centru tas-sahha tal- Furjana. Izda Mangion irrfjuta din it-talba.

Illi ghall-habta ta' 19:07Hrs, Stephen mar gewwa ic-centru tas-sahha tal- Floriana flimkien ma siehbu certu [redacted], detentur tal-karta tal- identita' [redacted]. Dan gie invistat min [redacted] fit-Triage u fi ftit minuti ghamilu ECG. Apparti min hekk, is-Sur Mangion ma ddeskrivex li kellu xi ugiegh terribli u informah ukoll li jbati min pressjoni gholja izda kien ilu xi zmien ma jiehu l-medicini ghal din il-problema. Min testijiet addizjonali, inkluz ECG, dan ma weriex sinjali li kien ibati attakk tal-qalb, izda xorta wahda [redacted] hass li ghandu jirreferih l-Isptar Mater Dei ghall- testijiet addizjonali.

Illi [redacted] li hemmek dan cempel l-Isptar Mater Dei permezz tal-linja tal-Emergenza 112, u wara li saqsewhx kellux sinjali ta' Heart Failure, dawn

informawh li ma kienx hemm ambulanza available dak il-hin u kien ghalhekk, [redacted] offra li jwasslu hu stess l-isptar. [redacted] accetta minhabba l-fatt li l-pazzjent kien stabbli.

Illi is-Sur Mangion wasal l-Isptar Mater Dei ghall-habta ta' 19:58Hrs. F'temp ta' ghaxar minuti, dan gie mitkellem min Nurse [redacted] fejn wara li saqsietu xi mistoqsijiet u ghamlitu xi testijiet, din ibookjatlu ECG.

Illi [redacted] detentur tal-karta tal-identita' bin-numru [redacted] ra ir-rizultati tal- ECG u ibookja ECG iehor biex ikun ikkonfermat li l-pazzjent ma kienx qed ibati min xi attakk tal-qalb, kif hekk gie kkonfermat li ma kienx il-kass.

Illi, wara t-testijiet tal- ECG, is-Sur Mangion gie struttuwit sabiex jistenna fuq is-siggijiet ta' "Area 1" fi hdan l-Emergenza, ezzatament quddiem il-mejda ta' fejn ikun qeghdin jahdmu it-tobba, sabiex jigi referut go Area 3 biex ikomplu l-ezemijiet neccessarji.

Illi, ghall-habta ta' 22:30Hrs, sfortunatament, is-Sur Mangion ikollassa, u wara diversi tentattivi biex issalvawh, dan irrizulta ghalxejn u gie ccertifikat mejjet min [redacted] ghall-habta ta' 23:00hrs.

Illi, s-sottoskritt gie informat li kemm xi posts fuq social media maghruf, ukoll bhala Facebook, kien hemm "user" bl- isem ta' [redacted] fejn ikkumenta li waqt dan l-incident, dan kien prezenti gewwa l-Emergenza.

Illi, l-Isptar Mater Dei u kif ukoll ic-centru tas-sahha tal-Floriana huma maghmrin bis-sistemi ta' CCTV cameras u apparti min hekk, kull telefonata u kull nota hija preservata fis-sistema tal- isptar.

**illi fuq inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti, [redacted] halef ir-relazzjoni tieghu, nhar l-4 ta' Settembru, 2024 li konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala Dok JM1, fejn gie konkluz;**

Fid-29 ta' Awwissu 2024 is-sottofirmat kien nominat mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LLD f'inkjesta rigward mewt ta' ċertu Stephen Mangion ġewwa l-isptar Mater Dei li ġrat nhar it-28 ta' Awwissu 2024.

Is-sottofirmat kien inkarigat sabiex jiġbor u janalizza filmati ta' sigurtà miċ-Ċentru tas-Saħħa tal- Floriana, mill-iSptar Mater Dei u mingħand KIS Services li huma l-amministraturi tal-parkeġġ ta' Mater Dei.

Sezzjoni 4.1 tar-rapport turi r-riżultat tal-analiżi li saret fuq il-filmati mniżżlin miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana. Mill-analiżi tal-filmati rriżulta li fis-19:08:00 Stephen Mangion jidher jasal bħala passiġġier flimkien ma' raġel ieħor b'vettura ġewwa l-parkeġġ taċ-ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.

Fis-19:10:41 Stephen Mangion jidher li kien irreġistra mar-reception taċ-ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u huwa, flimkien mar-raġel li kien qed jakkumpanjah jidhru jimxu lejn parti oħra taċ-ċentru tas-saħħa li ma kienx kopert minn cameras tas-sigurtà. Fis-19:44:17 Stephen Mangion jidher joħroġ mill-istess bieb li deher dieħel fih preċedentament, jidher jimxi lejn il-bieb li jagħti għall-parkeġġ taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u Stephen Mangion jidher jirkeb in-naħa tal-passiġġier tal-vettura li kien deher jasal biha. Fis-19:47:27 il-vettura li fiha Stephen Mangion kien passiġġier tidher tinsaq minn fuq il-post.

Sezzjoni 4.2 tar-rapport turi r-riżultat tal-analiżi li saret fuq il-filmati mniżżlin mill-iSptar Mater Dei. Mill-analiżi tal-filmati rriżulta li fis-19:58:20 Stephen Mangion, flimkien mal-istess raġel li deher miegħu ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa

tal-Floriana, jidhru jidħlu ġewwa l-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei. Stephen Mangion jidher mal-bank tar-reception sabiex jirreġistra. Fit-20:00:01 Stephen Mangion jidher jasal ġewwa l-waiting area tal-emerġenza.

Fit-20:17:06 Stephen Mangion jidher jidħol ġewwa t-Triage fl-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei u fit-20:22 Stephen Mangion, dejjem akkumpanjat minn raġel ieħor, jidher joħroġ mit-Triage u jidher jimxi lejn taħt il-camera ta' sigurtà li minnha kienu qed jiġu rrekordjati l-filmati. Stephen Mangion jidher joqgħod bilqiegħda fejn ma kienx jinqabad mill-cameras ta' sigurtà.

Fit-20:24:17 nurse tidher tkellem lil Stephen Mangion u huwa jidher jimxi warajha u jidher jimxi lejn l-istess post fejn aktar kmieni deher dieħel għat-Triage.

Fit-20:29:07 Stephen Mangion jidher jerġa jirritorna bilqiegħda fejn kien jinsab preċedentament.

Bejn 20:29:07 u 22:13 Stephen Mangion jidher bilqiegħda fl-istess post u għal diversi drabi jidher iqum bilwieqfa, jidher iċempel fuq il-mobile sakemm bejn 22:13:12 u 22:15:05 huwa jidher jitkellem ma' żewġ nurses differenti.

Fl-22:18:23 Stephen Mangion jidher jieħu żewġ pilloli u jidher jerġa jmur ipoġġi bilqiegħda fl-istess post fejn kien preċedentament.

Fl-22:22:25 raġel li jidher li kien jinsab maġenb Stephen Mangion induna li huwa ma kienx qed iħossu tajjeb u jidher idur lejn Stephen Mangion. Minnufih jidhru jmorru ħdejn Stephen Mangion diversi nurses u fl-22:25:40 Stephen Mangion jittieħed minn fuq il-post permess ta' stretcher. Immedjatament, Stephen Mangion jidher jittieħed bl-stretcher ġewwa r-resus room. Sakemm kien fil-

kuritur lejn ir-resus room, mill-filmati nurse jidher jamministra c-CPR fuq Stephen Mangion.

**Illi fuq inkarigu li gie estiz lilu mill-Magistrat Inkwirenti, [redacted] halef ir-relazzjoni tieghu, nhar l-4 ta' Settembru, 2024 li konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala Dok JM2, fejn gie konkluz;**

Fid-29 ta' Awwissu 2024 is-sottofirmat kien nominat mill-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LLD f'inkjesta rigward mewt ta' ċertu Stephen Mangion ġewwa l-isptar Mater Dei nhar it- 28 ta' Awwissu 2024.

Is-sottofirmat kien inkarigat sabiex jiġbor logs u recordings ta' telefonati li oriġinaw miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana lin-numru tal-emerġenza 112 fis-27 ta' Awwissu 2024 bejn is-1900hrs u 2000hrs u sabiex jiġbor logs u recordings ta' telefonati li oriġinaw min-numru 112 lejn l-isptar Mater Dei sezzjoni Ambulanzi nhar is-27 ta' Awwissu 2024 bejn 7:15pm u 7:17pm u bejn 7:44pm u 7:46pm.

Fil-31 ta' Awwissu s-sottofirmat kellu l-inkarigu tiegħu estiż sabiex jiġbor informazzjoni dwar in-numru ta' ambulanzi li hemm fis-servizz u tracking tal-istess ambulanzi fil-perjodu tas-27 ta' Awwissu 2024 bejn 7:15pm u 7:46pm.

Fit-2 ta' Settembru 2024 is-sottofirmat kellu l-inkarigu tiegħu estiż sabiex jiġbor logs, kummenti li ddaħħlu u kull data oħra ta' record ID:2024/055842 mill-Emergency Medical Solution tal-Emerġenza tal-iSptar Mater Dei.
Sezzjoni 3 tar-rapport turi r-riżultat tal-analiżi li saret fuq il-logs li juru l-użu tal-ambulanzi fil-perjodu tas-27 ta' Awwissu 2024 bejn 7:15pm u 7:46pm. Mil-log li qed ikun anness f'Appendiċi B ta' dan ir-rapport jirrizulta li f'dan il perjodu kien hemm 9 ambulanzi minn tal-iSptar Mater Dei u 4 ambulanzi oħra li kienu mikrija mingħand kuntrattur li kienu jinsabu fis-servizz.

Sezzjoni 4 tar-rapport turi r-riżultat tal-analiżi li saret fuq recordings ta' telefonati li oriġinaw miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana fis-27 ta' Awwissu 2024 u li huma relatati mal-inkjesta odjerna. Mill-analiżi li saret fuq it-telefonati jirrizulta li fis-19:37:45 u fis-19:44:51 seħħew żewġ telefonati min-numru [redacted] lejn id-dipartiment tal-emerġenza fl-iSptar Mater Dei.

Fl-ewwel telefonta tat-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana lid-Dipartiment tal-Emerġenza, wara li t-tabib jitlob ambulanza u jispjega s-sintomi ta' li kellu Stephen Mangion, l-operatur jgħid:

> *"Ok, żommuh taħt għajnejkom għalissa tabib għax ma għandix biżżejjed riżorsi biex nibgħatulkom ambulanza straight away. Pruvaw investu f'monitoring għalih. Kif ikolli lil xi ħadd nibgħatilkom ok?"*

Fit-tieni telefonata tat-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana lid-Dipartiment tal-Emerġenza l-istess tabib jinstema jikkanċella t-talba għall-ambulanza u jgħid:

> *"Ċempilt rigward Stephen Mangion. Ġie xi ħadd u ser iwasslu hu, ser jieħdu hu."*

Ir-recordings tat-telefonati qed ikunu annessi ma' dan ir-rapport fid-dokument immarkat bħala DOK JM u traskrizzjoni tal-konverżazzjoni tinsab f'sezzjoni 4 tar-rapport.

Sezzjoni 5 tar-rapport turi l-logs b'kummenti li ddaħħlu u kull data oħra ta' record ID:2024/055842 mill-Emergency Medical Solution tal-Emergenza tal-iSptar Mater Dei li huwa l-call li nfetħet maċ-ċentru tal-emerġenza tal-isptar Mater Dei u li jittratta l-inkjesta odjerna.

Il-log juri t-telefonati kollha li saru referenza għalihom f'sezzjoni 4 tar-rapport u fil-parti tal-annotations hemm nota mdaħħla minn [redacted] liema nota tgħid *"no nurses available for immediate dispatch"*

**Illi fuq inkarigu lilu mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti, [redacted], ħalef ir-relazzjoni tiegħu, nhar is-6 ta' Settembru, 2024 li konsistenti f'rapport li ġie mmarkat bħala Dok RM, fejn ġie konkluż;**

Illi mill-provi hawn fuq riportati huma dawk li l-esponenti rnexxielu jidentifika bħala pertinenti għal-ġrajja li l-Maġistrat Inkwerenti qed jinvestiga sabiex ikun f'pożizzjoni li jara jekk hemmx provi suffiċjenti li verament sar reat u jekk abbażi ta' dawn il-provi hemmx bizzejjed biex jingħad li xi ħadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli għal proċeduri kriminali;

B'mod sintetiku, irriżultaw is-segwenti fatti:

**27-8-24 - 0400*HOURS*: STEPHEN MANGION** [redacted] kien diġa' qed iħoss l-uġiegħ; [1] [2] [3]

**27-8-24 - 1907*HOURS*: STEPHEN MANGION** [redacted] irreġistra fil-*polyclinic* tal-Floriana fil-ħin ta' 1907*hours*. Hemmehkk ġie nvistat u nstab li għandu l-pressjoni 200 u sarlu wkoll *ECG*. Minn dawn ir-riżultati,

[1] Ara xhieda bil-ġurament ta' [redacted] meħuda nhar il-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2024 fl-għassa ta' Tas-Sliema: *'Kif dħalt fit-treatment room kien hemm aktar minn nurse wieħed. Kif qaluli li kellu chest pain bdejt noħodlu l-istorja mill-ewwel. Naf li kien hemm nurse jismu [redacted] li għeni nagħmel ukoll l-ECG lill-pazjent. Staqsejtu x'kien qed iħoss li kellu uġiegħ f'sidru li beda fl-4am. Il-pazjent irreġistra xi 7:07pm. Jien xi 7:10pm kont qed inkellmu.'*

[2] Ara xhieda bil-ġurament ta' [redacted] meħuda nhar il-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2024 fl-għassa ta' Tas-Sliema: *'Meta kellimt lill-qraba qaluli li l-uġiegħ kien beda fl-4am. Minn medical standpoint din ma setgħetx tkun prevedibbli għax chest pain ta' dissection tippreżenta ruħha bħala tiċrita u mhux pressa.'*

[3] Ara xhieda bil-ġurament ta' [redacted] meħuda nhar il-wieħed u tletin (31) t'Awwissu 2024 fl-għassa ta' Tas-Sliema: *'Jien ngħix il-Belt ma' missieri Stephen. Jien l-aħħar li kellimt lil missieri dakinhar stess li miet. Qomt xil-11am u qalli li fl-4am qam b'uġiegħ f'sidru u daħaru. Qatt ma smajtu jgerger bl-uġiegħ qabel. Bilkemm seta' jitkellem. Jien għidtlu biex jimtedd u beda jgħidli li aktar agħar.'*

[redacted]ma rax prospett ta' *heart failure* izda rrefera lil Stephen l-isptar Mater Dei;

**27-8-24 - 2016*HOURS*:** F'dan il-hin, jirrizulta li **STEPHEN MANGION** [redacted] kien diga ddahhal fit-*triage* tal-Mater Dei u gie klassifikat bhala *ESI 2*;

**27-8-24 - 2024*HOURS*:** F'dan il-hin, jirrizulta li, lil **STEPHEN MANGION** [redacted] kienu diga kienu sarulu zewg *ECGs u,* di konsegwenza, ntbaghat jistenna f'erja 1 biex eventwalment jigi trattat f' erja 3;

**27-8-24 - 2200*HOURS*:** Dan huwa l-hin meta, waqt li kien ghadu qed jistenna sabiex jigi eventwalment trattat f'erja 3, **STEPHEN MANGION (KI 273369M)** avvicina lin-*nurse* [redacted] ghax kien qed ihossu mugugh u din tatu zewg *paracetamol.* [redacted] tippreciza li, meta avvicinaha, Stephen '*...mexa normali, ma kienx qed jeghreq, kien jidher li kellu discomfort u mhux xi ugiegh kbir....sentenza komplieha sew u ma deherx li kellu qtugh ta' nifs.*'[4];

**27-8-24 - 2225*HOURS:*** Dan huwa l-hin meta **STEPHEN MANGION** [redacted] 'ikkollassa' waqt li kien f'erja 1;

**27-8-24 - *2225HOURS* 'IL QUDDIEM*:*** Dan huwa l-perijodu li matulu [redacted] inzerta kien fil-vicinanzi u telaq kollox minn idu biex jassisti lil **STEPHEN MANGION** [redacted] Stephen tmexxa lejn ir-*resuscitation room,* maghrufa wkoll bhala ic-*CPR*

[4] Ara xhieda bil-gurament ta' [redacted]mehuda nhar l-erbgha (4) ta' Settembru 2024

*Room*, bl-*istretcher* fejn, hemmhekk, intervjenew ukoll zewg tobba ohra, ossija [redacted] u [redacted] Il-process kien jinvolvi dan li gej[5]:

*'...Erfajna l-pazjent fuq stretcher u mxejna lejn wahda mir-resuscitation rooms u kif dhalna l-polz intilef. F'dak il-mument beda CPR fuqu. F'dak il-punt ir-role tieghi kien li mmexxi c-CPR. Wahhalna d-defibrillation pads biex naraw ir-ritmu tal-qalb. Ir-ritmu kien a systolic. Meta l-qalb waqfet tahdem kelli tabib iehor,* [redacted] *li ntuba lill-pazjent biex il-pazjent jiehu n-nifs. Bhala CPR kompla jitmexxa bl-ALS guidelines. Ghamilna access ghall-vina u ghamilna IO access. Mill-vina hadna l-venus blood gasses biex ikollna nformazzjoni malajr tal-istat tal-pazjent. Iccekkjajna wkoll hypoxia li trattajnieha billi ntubajna l-pazjent. Hypothermia ma kienx hemm ghax it-temperatura kienet normali. Hypovolemia trattajnieha billi tajna fluid to replace missing fluid. Hyperkaliemia setghet tigi determinata mill-VBG u giet eliminata wkoll. Rajna wkoll ghal puncture fil-pulmun u ma kienx hemm. Lanqas ma kellu sinjali ta' toxins ingettati fil-gisem. Trombozi fis-saqajn ma kienx hemm u kienu jidhru normali. Ghamilna test u rajna li kien hemm ilma mal-borza tal-qalb li ma bdietx thalli l-qalb thabbat kif suppost. Ikkuntattjajna lil* [redacted] *biex jaghmel l-intervent u jigbed l-ilma.* [redacted] *gibed ftit demm, xi 6mls. Kull zewg minuti konna niccekkjaw il-beat u dan baqa' dejjem asystole. Darba iva u darba le konna qed naghtu adrenaline fil-vina biex inhaddmu l-qalb b'mod kliniku. Qatt ma rnexxielna ngibu polz jew ritmu. CPR dam 35 minuta u waqqaftu jien peress li kienet saret hsara irreparabbli lill-mohh u kien ser ikun kollu ghalxejn....'*

;

[5] Ara xhieda bil-gurament ta' [redacted] mehuda nhar il-wiehed u tletin (31) t'Awwissu 2024

**27-8-24 – 2300*HOURS*:** Dan huwa l-hin li **STEPHEN MANGION** [redacted] kien iddikjarat mejjet minn [redacted];

Sadanittant, qed jigu sottomessi numru ta' pjanti bhala **Dokument RM3** fl-anness li jinkludu *block plan* li turi t-tragitt mill-*polyclinic* tal-Floriana sal-emergenza f'Mater Dei kif ukoll l-ispazji li s-sottoskritt ikkostata *de visu* fl-isptar Mater Dei dakinhar li sar l-access nhar it-tnejn (2) ta' Settembru 2024 fil-presenza tal-Magistrat Inkwerenti u l-espert mediku legali [redacted]

**Illi fuq inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti, [redacted] halef ir-relazzjoni tieghu, nhar is-6 ta' Settembru, 2024 li konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala Dok EC, fejn gie konkluz;**

- Fl-atti tal-inkjesta dwar il-mewt ta' **Stephen Mangion**, liema inkjesta nfetħet nhar l-Erbgħa 28 ta' Awwissu 2024, wara li **Stephen Mangion** miet gewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei waqt li kien qed jistenna fid-Dipartiment tal-Emerġenza biex jigi invistat minn tabib, nhar it-Tlieta 27 t'Awissu 2024;

- Illi fuq ordni tal-Qorti (Magistrat Inkwirenti Onor. Joe Mifsud, LL.D) sabiex jigbor il-fatti medici tal-kaz, jezamina l-katavru, jirrelata dwar il-fatti tal-kaz tal-mewt u jagħti rakkomandazzjonijiet għat-titjib tas-servizz wara li **Stephen Mangion** miet gewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei

waqt li kien qed jistenna fid-Dipartiment tal-Emerġenza biex jigi invistat minn tabib, nhar it-Tlieta 27 t'Awissu 2024;

- Illi sabiex jaqdi dan l-inkarigu moghti lilu, l-esponent acceda fid-Dipartiment tal-Emergenza imbaghad fil-Kamra Mortwarja, wara li dan gie nfurmat bil-kaz fis-01:16am ta' nhar l-Erbgħa 28 ta' Awissu 2024, mill-Ispettur tad-Distrett [redacted];

- Illi biex jigbor il-fatti tal-każ, l-esponent aċċeda wkoll fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, id-Dipartiment tar-Rekords Mediċi tal-Isptar Mater Dei kif ukoll ir-rekords mediċi tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;

- Illi min-noti mediċi u mix-xhieda bil-ġurament meħuda, l-esponent seta' jiddetermina li l-vittma kien raġel ta' 55 sena, li kien joqgħod ma' ibnu ċertu [redacted] detentur tal-karta tal-identità [redacted] u bintu [redacted] detentrici tal-karta tal-identità [redacted] fl-appartament tiegħu li jinsab fi [redacted];

- Illi l-vittma kien legalment separat minn martu, ċerta [redacted] detentrici tal-karta tal-identità [redacted], iżda t-tnejn żammew relazzjoni tajba ħafna;

- Illi l-vittma kien ibati minn pressjoni għolja u okkażjonalment rifluss tal-aċidu fl-istonku u kien ipejjep pakkett sigaretti kuljum;

- Illi l-vittma ma kienx jieħu il-pilloli tal-pressjoni u meta ssepara minn martu f'Awissu 2022, kien informa lil martu li ma kienx se jibqa' jieħu il-pirmli tal-pressjoni għax kien qed isofri minn ċerta problema/*side-effect*, liema problema ma ġietx żvelata, u il-vittma assoċjat din il-problema mal-medikazzjoni li kien jieħu ghal-pressjoni għolja;

- Illi l-vittma kien iddiskuta wkoll ma' bintu, li xtaq ma jibqax jirċievi l-medikazzjoni tiegħu ghal-pressjoni għolja mill-iskema POYC;

- Illi fl-4am tat-Tlieta 27 ta' Awwissu 2024, il-vittma qam u ma kienx qed iħossu tajjeb;

14

- Illi l-vittma kellu wġigħ f'sidru, żaqqu u dahru u kellu wkoll sintomi ta' ħruq ta' stonku;

- Illi fis-07:45am, il-vittma bagħat messaġġ lill-eks-mara tiegħu fejn staqsieha l-isem tal-mediċina li kienet tuża għall-ħruq tas-stonku għax kien qed ikollu ħruq qawwi mill-4am;

- Illi [redacted] wieġbet lura bl-ismijiet Omeprazole u Nexium li għalihom il-vittma weġibha b-messaġġ lura, *'ok thanks'*;

- Illi fit-8am, ħabib tal-vittma, ċertu [redacted] detentur tal-karta tal-identità [redacted], ċempel lill-vittma u lill-vittma qal lil [redacted] li ma kienx qed iħossu tajjeb u li qed isofri minn ħruq tas-stonku qawwi;

- Illi [redacted] qal lill-vittma li kien se jmur jixtrilu xi medikazzjoni kontra l-aċidu u fit-08:30am [redacted] wasal fir-residenza tal-vittma bi flixkun tas-sospensjoni *Maalox*;

- Illi meta wasal [redacted] il-vittma qallu li kellu uġigħ f'sidru, addome u dahru u [redacted] offra li jieħdu fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana biex jiġi invistat minn tabib, izda Stephen Mangion irrifjuta;

- Illi [redacted] telaq u mar iżur l-ommu anzjana li hija residenti fir-Residenza San Vinċenz De Paul;

- Illi [redacted] bagħat messaġġ lill-vittma biex jara kif qed iħossu, li għalih il-vittma wieġeb li kien sejjer għall-aħjar;

- Illi fil-11am, iben il-vittma [redacted] qam u kellem lil missieru;

- Illi l-vittma qal lil ibnu li ma tantx kien qed iħossu tajjeb u li kien qam f'4am b'uġigħ f'żaqqu, sidru u dahru u li ma setax' jitkellem bl-uġigħ li kellu;

- Illi l-vittma informa wkoll lil ibnu li [redacted] kien ġablu xi mediċina għall-ħruq ta' stonku u li kien ħa ftit mill-mediċina;

- Illi f'nofsinhar, bint il-vittma [redacted] qamet u hekk kif kienet qed tlesti biex toħroġ, il-vittma daħal fil-kamra tagħha u qalilha li ma kienx qed iħossu tajjeb u li kellu wġigħ f'żaqqu u dahru u li hu ħaseb li kellu każ ħażin ta' ħruq tas-stonku;

- Illi kif rat li missierha kellu ħafna wġigħ u li bilkemm seta' jimxi minħabba l-uġigħ, qaltlu li l-aħjar li jmur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, iżda l-vittma rrifjuta;

- Illi hekk kif [redacted] kienet f'kamritha, il-vittma mar jimtedd fuq is-sufan biex jipprova jistrieħ;

- Illi qabel telqet mir-residenza, [redacted] qalet lil missierha li jekk dak in-nhar ma xtaqx imur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, allura jkun aħjar li jmur l-għada filgħodu, biex ikun jista' jiġi invistat minn tabib;

- Illi ftit qabel is-2pm, iben il-vittma [redacted] telaq mir-residenza biex imur id-dar tat-tfajla tiegħu, iżda qabel telaq il-vittma qal lil ibnu, kien qed iħossu xi ftit aħjar;

17

- Illi fis-16:30pm, [redacted] bagħtet messaġġ lil missierha biex tistaqsi kif kien qed iħossu u l-vittma wieġeb li kellu wġigħ qawwi u infurmaha li [redacted] kien se jieħdu fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

- Illi wara s-18:00pm, [redacted] mar fir-residenza tal-vittma, biex jiċċekkja fuq il-benesseri tiegħu;

- Illi [redacted] tkellem mal-vittma u nduna li l-vittma kien għadu bl-uġigħ u ħeġġiġu jmur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana iżda l-vittma għal darb'oħra rrifjuta;

- Illi [redacted] ikkonvinċa lill-vittma biex tal-inqas iċempel iċ-Ċentru tas-Saħħa u jkellem mat-tabib biex jieħu parir;

- Illi l-vittma ċempel liċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u gie mqabbad mat-*Telemedicine Team*;

- Illi t-telefonata tal-vittma ttieħdet minn [redacted], detentur tar-reġistrazzjoni medika numru [redacted], [redacted] fid-Dipartiment tat-Telemediċina fi ħdan id-Diviżjoni tal-Kura tas-Saħħa Primarja;

- Illi fil-konsultazzjoni bit-telefon, il-vittma spjega lill-[redacted], li kellu *central chest pain since this morning. Had omeprazole with some improvement. However, pain is worse with movements now and is not burning in nature'*

- Illi wara li [redacted] staqsa ċerti mistoqsijiet mediċi relatati mal-uġigħ, ta parir lill-pazjent li jkun aħjar għalih li jmur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana biex jiġi invistat minn tabib iżda l-pazjent irrifjuta u għalhekk [redacted] qallu biex jieħu l-pilloli *Solpadeine* għal l-uġigħ;

- Illi wara t-telefonata, [redacted] li hu infermier, u kien mal-vittma, ma kienx konvint mill-pariri moghti, għalhekk ikkonvinċa lill-vittma biex imur iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn il-vittma finalment aċċetta;

- Illi l-vittma kien misjuq lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana minn [redacted], fejn irreġistra fir-*reception* tal-Furjana fis-19:10pm u kien mogħti l-biljett bin-numru 273890;

- Illi l-vittma spjega lil *receptionist* certu [redacted], detentur tal-karta tal-identità [redacted] li kien qed ikollu wġigħ f'sidru;

- Illi [redacted] immedjatament ċempel fit-*treatment room* biex jinfurmahom li kellu pazjent li kien qed jilmenta b'uġigħ fis-sidru u ftit qtugħ ta' nifs u infermier mill-ewwel ħareġ mit-*treatment room* għal gol-*reception* u ħa lil Stephen Mangion fit-*treatment room;*

- Illi l-vittma tpoggia fi *cubicle* fit-*treatment room* u [redacted], detentur ta' numru ta' Kunsill Mediku [redacted] ħa mill-ewwel f'idejh il-kura ta' Mangion;

- Illi [redacted] ħa storja medika mingħand il-vittma, li min-naħa tiegħu qal lil Dr [redacted] li kellu pressjoni f'sidru li bdiet fl-4am u kienet assoċjata ma' dardir;

- Illi l-vittma informa lill [redacted] li kien ċempel lit-*telemedicine* għall-parir u qalulu biex jieħu *omeprazole*;

- Illi Mangion informa lil [redacted] li ibati minn pressjoni għolja iżda ma kienx qed jieħu l-mediċini tiegħu;

- Illi [redacted] eżamina lill-vittma u sab li kellu pressjoni ta' 217/118 mmHg, polz ta' 62 bpm, saturazzjoni ta' ossiġnu ta' 97% u temperatura tal-ġisem ta' 37.2°C;

- Illi l-eżamijiet l-oħra kollha kienu normali;

- Illi [redacted] rrepeta l-qari tal-pressjoni tad-demm liema qari issa kien qed jaqra 214/120 mmHg;

- Illi minħabba l-pressjoni tad-demm għolja u l-istorja ta' uġigħ fis-sider, Dr [redacted] ried jieħu ECG izda kull ma li kien preżenti kien *3-lead ECG* li jintuża għall-kontroll tar-ritmu tal-qalb;

- Illi minkejja din il-limitazzjoni, [redacted] ħa ECG bi tliet *leads*, liema ECG wera *right bundle branch block* fil-*leads* I u II, iżda dan ma kienx biżżejjed biex jiddetermina jekk kienx hemm *on-ongoing myocardial ischaemia;*

- Illi [redacted] iddeċieda li jirreferi lill-pazjent lejn d-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei għal aktar evalwazzjoni b'nota addizzjonali miktuba fuq it-*ticket of referral* li kienet tgħid: *'Imp chest pian in high-risk patient. Systolic > 200';*

- Illi [redacted] ċempel 112 u qabad mal *control room* tal-ambulanzi, fejn tkellem ma' infermier certu [redacted], detentur tal-karta tal-identità [redacted] fejn [redacted] spjega l-istorja medika u talab li tintbagħat ambulanza fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana biex tittrasporta il-vittma lejn l-Isptar Mater Dei;

- Illi [redacted] staqsa lil [redacted] jekk il-vittma kellhiex sinjali ta' *heart failure* u [redacted] informah li ma kellux;

- Illi [redacted] nizel l-każ bħala *orange case* mbagħad avża lil [redacted] li bħalissa ma kienx hemm riżorsi (infermiera) disponibbli u li l-vittma kellu jistenna għal ftit ħin;

- Illi [redacted] iddiskuta dan mal-vittma u [redacted], u [redacted] ippropona li biex ma jistenniex, seta jsuq lill-vittma hu stess l-Isptar Mater Dei;

- Illi minħabba l-urġenza relattiva tal-każ, il-kundizzjoni stabbli tal-vittma, il-viċinanza tal-isptar, u l-preżenza ta' infermier li kien se jsuq, [redacted] qies xieraq li [redacted] jakkumpanja lill-vittma hu stess lejn id-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei;

- Illi [redacted] reġa' ċempel lill-*control room* tal-ambulanzi, fejn kellem lill-infermiera [redacted] detentrici tal-karta tal-identità bin-numru [redacted] biex jitħassar l-ambulanza;

- Illi [redacted] akkumpanja lill-vittma fid-Dipartiment tal-Emerġenza fejn il-vittma rreġistra fid-Dipartiment fit-20:00pm u lmenta minn *compressive chest pain* ma' [redacted] ir-*receptionist* tad-Dipartiment tal-Emerġenza;

- Illi ftit minuti qabel it-20:16pm, il-vittma kien gie issejjaħ fi *Triage Room* fejn l-infermiera [redacted], detentrici tal-karta tal-identità bin-numru [redacted] *triaged* lill-vittma;

- Illi fuq il-karta tat-*triage*, [redacted] dokumentat li l-vittma kien qed jilmenta minn *'complaining of chest pain since the am worsening on lying down. Denies any nausea or vomiting'*;

- Illi [redacted] ħadet il-parametri bażiċi tal-vittma u ddokumentat li kellu pressjoni tad-demm ta' 227/107mmHg, polz ta' 75 bpm, rata respiratorja ta' 17 u saturazzjoni tal-ossiġnu fid-demm ta' 98%;

- Illi [redacted] *triaged* lill-vittma bħala prijorità ESI-2 u peress li huwa lmenta minn wġigħ fis-sider, il-vittma kien akkumpanjat minn infermier fil-kamra tal-ECG fl-*Area 1*, fejn ittieħdet ECG fl-20:19;

24

- Illi l-ECG giet murija lil [redacted], detentur ta' numru tal-Kunsill Mediku [redacted], li kien il-*lead doctor* tal-*areas* kollha tal-Emergenza u liema ECG ma weriex sinjali ta' avveniment kardijaku akut, inkluż attakk tal-qalb;

- Illi biex ikollu stampa kompluta, [redacted] ordna li l-ECG jiġi ripetut biex jieħu wkoll *leads right and posterior* biex ifittex avveniment kardijaku fuq *ir-right u posterior aspects* tal-qalb;

- Illi dan l-ECG ittieħed fit-20:28pm u ma wera l-ebda sinjali ta' xi avveniment kardijaku akut, inkluż attakk tal-qalb;

- Illi l-*ECG Technician* ħa l-*file* tal-vittma għand il-*lead nurse*, ċertu [redacted] detentur tal-karta tal-identita [redacted] biex il-vittma jiġi assenjat *team* u b'konformità mal-*policy* tad-Dipartiment tal-Emerġenza, il-vittma, prijoritizzat bħala ESI-2, intalb joqgħod fuq siġġijiet, magħżula għall-pazjenti ESI-2, quddiem id-*doctors desk* fl-*Area 1* u dan kien eżatt wara t-20:30pm;

- Illi l-vittma kien il-ħin kollu akkumpanjat minn [redacted]

- Illi waqt li l-vittma li kien qed jistenna fid-Dipartiment tal-Emerġenza, huwa ċempel lil ħuh, ċertu [redacted] detentur tal-karta tal-identità bin-numru [redacted] fejn infurmah li kellu uġigħ f'sidru minn filgħodu u li bħalissa kien qed jistenna fid-Dipartiment tal-Emerġenza biex jiġi invistat minn tabib;

- Illi [redacted] offra li jmur id-Dipartiment tal-Emergenza, izda [redacted] qallu li ma kienx hemm bzonn ghax kien hemm hu mal-vittma;
- Illi [redacted] ċempel lil [redacted] ftit mumenti wara biex jara kif kien baqa' ħuh u mbagħad ftit wara 21:15pm [redacted] mar id-Dipartiment tal-Emerġenza fejn iltaqa' ma' ħuh u [redacted]

- Illi wara ħmistax-il minuta [redacted] telaq u [redacted] baqa' ma' ħuh;

- Illi hekk kif kienu qed jistennew li Stephen Mangion jiġi invistat minn tabib, il-vittma qam diversi drabi u avviċina lill-infermiera mad-*doctors desk* fl-*Area 1*, fejn qalilhom li l-uġigħ f'sidru kien qed jaggrava u ma kienx qed iħossu

tajjeb u fejn il-*lead nurse* mar jiċċekkja kemm kien hemm pazjenti qabel il-vittma u informa lill-vittma;

- Illi ftit qabel it-22:20pm, il-vittma reġa' avviċina lill-infermiera biex jgħidilhom li l-uġigħ tiegħu kien qed jiggrava u [redacted], detentrici tal-karta tal-identità [redacted] iċċekkjat kemm kienu qed jistennew pazjenti biex qabel imiss lill-vittma, u wara li infurmatu, offrietlu żewġ pilloli *paracetamol*, li l-vittma aċċetta;

- Illi l-vittma mexa wara l-infermiera [redacted] lejn it-*treatment room* u wara li tatu l-mediċina, reġa' mar fuq is-siġġu tiegħu quddiem id-*doctors desk* f'Area 1;

- Illi l-vittma belgħa l-mediċina mogħtija lilu, u reġa' mar joqgħod bilqiegħda;

- Illi ftit minuti wara, il-vittma qabad id-driegħ ta' ħuh imbagħad waqa' fuq ħuh, waqt li kien bilqiegħda quddiem id-*doctors desk* fl-*Area 1*;

- Illi ħu l-vittma poġġa lill-vittma fl-art u kien hemm kommossjoni kbira, hekk kif in-nies li kienu qed jistennew fuq is-siġġu ħdejn il-vittma, indunaw li **Stephen Mangion** kien mitluf minn sensih;

- Illi [redacted] detentur ta' numru tal-Kunsill Mediku [redacted], li kien f'kamra tal-*Venous Blood Gasses* fil-qrib, sema' l-kommossjoni, ħares u ra lill-vittma mimdud mal-art u mar jigri biex jassisti;

- Illi l-*Lead Nurse* tad-Dipartiment tal-Emergenza, [redacted] mar ukoll jassisti lill-vittma;

- Illi [redacted] innota li l-vittma kien qed jagħmel ħsejjes ta' inħir hekk kif kien qed jipprova jieħu n-nifs u kien *gasping for air;*

- Illi [redacted] ma setax isib polz u għalhekk inbeda CPR immedjatament fuq il-post;

- Illi gie imwaħħal *automated external defibrillator (AED)* u l-vittma ġie intubat u tpogga fuq *stretcher* fl-Area 1 u gie ttrasportat lejn *resuscitation room 1;*

- Illi l-pazjent kellu ritmu tal-qalb fuq l-AED konsistenti mal-*asystole*, li jirrappreżenta l-waqfien totali tal-attività mekkanika u elettrika tal-qalb;

- Illi fir-*resuscitation room 1* kien hemm preżenti [redacted], detentur ta' numru tal-Kunsill Mediku [redacted], Konsulent fil-Mediċina ta' Emerġenza, li ntuba lill-vittma u ha ħsieb il-passaġġ tan-nifs;

- Illi l-aċċess ġol-vini kien miksub u giet imdaħħla labra *intra-osseous* taħt l-irkoppa tal-lemin;

- Illi [redacted] gie infurmat bis-CPR u x'kien ġara lill-vittma u immedjatament mar fil-kamra tar-*resus* biex jara jekk it-*team* kellux bzonn xi ghajnuna;

- Illi bħala parti mill-proċess biex jiġu eliminati kawżi riversibbli ta' arrest kardijaku, [redacted] wettaq *bedside ECHO*, li wera l-preżenza ta' fluwidu fil-borża perikardjali, kundizzjoni magħrufa bħala *cardiac tamponade;*

29

- Illi biex jipprova jbattal dan il-*cardiac tamponade*, [redacted] Kardjoloġista u detentur tal-Kunsill Mediku numru [redacted], kien imsejjaħ biex jinżel fil-kamra tar-*resus* u biex jassisti lill-vittma;

- Illi [redacted] pprova jwettaq proċedura msejħa *pericardiocentesis*, fejn labra tigi imdaħħla fil-borża perikardjali tal-qalb biex titneħħa l-fluwidu u b'hekk il-*cardiac tamponade* tigi mbattla u tħalli l-qalb terga tħabbat mill-ġdid;

- Illi [redacted] assista bl-*ultrasound* filwaqt li [redacted] ipprova jagħmel *pericardiocentesis* darbtejn, iżda l-proċedura ma rnexxietx;

- Illi wara ħamsa u tletin minuta ta' CPR u minkejja l-aqwa sforzi tat-tim mediku, is-CPR twaqqaf u l-vittma ġie ddikjarat mejjet fit-23:00pm tat-Tlieta 27 ta' Awwissu 2024;

- Illi l-esponent acceda fil-Kamra Mortwarja għall-awtopsja, nhar il-Erbgha 28 t'Awissu 2024, u ezamina f'aktar dettal il-katavru ta' **Stephen Mangion**;

- Illi l-eżami tal-qalb wera l-preżenza ta' qalb li kienet tiżen 800g;

- Illi l-eżami tal-arterji koronarji żvela l-preżenza ta';

    1. *Right coronary artery – 80% occluded*
    2. *First diagonal branch (D1) of the left anterior descending artery is – 70% occluded*
    3. *Left anterior descending artery – 80% occluded*
    4. *Left circumflex artery – 30% occluded*
    5. *Left main stem artery – 10% occluded*

- Illi mal ftuħ tal-borża perikardjali (*pericardial sac)*, kien hemm il-preżenza ta' 200mls demm fil-perikardju;

- Illi kien hemm il-preżenza ta' *severe circumferential left ventricular hypertrophy;*

- Illi l-eżami tal-aorta, wera l-preżenza ta' *a dissecting aortic aneurysm involving the ascending arch, descending thoracic and proximal abdominal aorta, terminating in the suprarenal segment;*

- Illi l-awtopsja li saret nhar il-Erbgha 28 ta' Awissu 2024, kkonfermat li **Stephen Mangion** miet kagun ta' ***cardiac tamponade following an aortic dissection*** bil-***manner of death*** **tkun mewta naturali;**

- Illi nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu 2024, l-esponent flimkien mal-Ispettur [redacted] u l-espert maħtur mill-Qorti [redacted], ħa d-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta':

| Isem | K.I. | Rwol |
|---|---|---|
| [redacted] | [redacted] | Tabib - Centru tas-Saħħa tal-Furjana |
| [redacted] | [redacted] | Receptionist - Centru tas-Saħħa tal-Furjana |
| [redacted] | [redacted] | Infermiera fil-*Control Room* tal-Ambulanzi |
| [redacted] | [redacted] | *Triage Nurse* |
| [redacted] | [redacted] | *Consultant* u *Lead Doctor* fl-Emerġenza |
| [redacted] | [redacted] | Tabib tat-*Telemedicine* |
| [redacted] | [redacted] | *Resident Specialist Doctor* fl-Emerġenza |
| [redacted] | [redacted] | Hu Stephen Mangion |
| [redacted] | [redacted] | Infermier u ħabib ta' Stephen Mangion |
| [redacted] | [redacted] | Exs-mara ta' Stephen Mangion |
| [redacted] | [redacted] | Tifla ta' Stephen Mangion |
| [redacted] | [redacted] | Tifel ta' Stephen Mangion |

- Illi nhar it-Tnejn 02 ta' Settembru 2024, l-esponet acceda fid-Dipartiemnt tal-Emergenza flimkien ma' Magistrat Inkwirenti Onor. Joe Mifsud, kif ukoll Ispettur [redacted] u l-espert maħtur mill-Qorti [redacted] ghal-access fuq il-*locus;*

- Illi nhar it-Tnejn 02 ta' Settembru 2024, l-esponent kiteb lill-Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta biex jikkonferma jekk il-ħabib tal-vittma, [redacted] kienx infermier reġistrat;

- Illi r-reġistratur, [redacted] ikkonfermat li [redacted] kien infatt infermier reġistrat u li kellu numru ta' reġistrazzjoni [redacted]; **(ara dokk numru 3)**

(

- Illi nhar it-Tlieta 03 ta' Settembru 2024, l-esponent flimkien mal-Ispettur [redacted] u l-espert maħtur mill-Qorti [redacted] ħa d-dikjarazzjoni ġuramentata tat-tabib [redacted], Konsulent fil-Mediċina ta' Emerġenza u *Head of Pre-Hospital* ta' l-Isptar Mater Dei, detentur tan-numru tal-Kunsill Mediku [redacted]

(

- Illi nhar il-Erbgħa 04 ta' Settembru 2024, l-esponent flimkien ma l-espert maħtur mill-Qorti [redacted] ħa d-dikjarazzjonijiet ġuramentati ta'

| Isem | K.I. | Rwol |
|---|---|---|
| [redacted] | [redacted] | *Lead Nurse* fl-*Area 1* fl-Emerġenza |
| [redacted] | [redacted] | *Nurse* fl-Area 3 fl-Emerġenza |

***Il-kundizzjoni medika u r-relazzjoni tagħha mal-mewt ta' Stephen Mangion***

- Illi l-vittma miet *b'cardiac tamponade secondary to aortic dissection*, li fiha nnifisha, hija kundizzjoni medika serja ħafna u katastrofika. *Aortic dissection* sseħħ meta jkun hemm tiċrita fis-saff ta' ġewwa (*inner layer*) ta' l-aorta, l-akbar u l-aktar arterja importanti tal-ġisem li jġorr id-demm mill-qalb għall-bqija tal-ġisem. Din it-tiċrita tippermetti li d-demm jgħaddi bejn is-saffi tal-ħajt aortiku, u jġiegħelhom jinfirdu. *Aortic dissections* huma kritiċi għaliex;

i. <u>Riskju Għoli ta' Qtugħ (*rupture*)</u>: id-dissezzjoni tista' ddgħajjef il-ħajt ta' l-aorta, u żżid ir-riskju li ikun hemm *rupture*. Jekk l-*aorta* tiġi *dissected*, tista' twassal għal fsada interna massiva, li ħafna drabi tkun fatali mingħajr intervent immedjat;

ii. <u>Fluss tad-Demm Mfixkel</u>: *aortic dissection* tista' tfixkel il-fluss tad-demm lejn organi vitali. Dan jista' jwassal għal ħsara fl-organi, puplesija, jew attakk tal-qalb, skond fejn isseħħ id-dissezzjoni u liema arterji huma affettwati;

iii. <u>Progressjoni Rapida</u>: dissezzjonijiet aortiċi jistgħu javvanzaw (*progresses*) malajr. Jekk ma tiġix dijanjostikata u ttrattata fil-pront, il-kundizzjoni tista' twassal għall-mewt fi żmien sigħat jew jiem;

- Illi <u>**s-sintomi tad-dissezzjoni aortika**</u> jistgħu jigru f'daqqa u ikunu severi, fejn tipikament jinvolvu uġigħ qawwi fis-sider (deskritt bħala, ***tearing or ripping pain)*** li huwa s-sintomu distintiv ta' dissezzjoni aortika, kif ukoll uġigħ fid-dahar. L-uġigħ ħafna drabi jibda f'daqqa u tipikament huwa qawwi ħafna. Pazjenti b'*ongoing aortic dissection* normalment jilmentaw ukoll minn uġigħ fid-dahar u uġigħ addominali. Sintomi oħra jistgħu jinkludu qtugħ ta' nifs, ħass ħażin, jew sintomi ta' puplesija;

- **Illi s-sintomi rrapportati minn Stephen Mangion lill-istaff mediku, u cioe' uġigħ fis-sider li kien jiggrava bil-moviment kif irrappurtat lit-tabib tat-telemediċina, imbagħad deskritti bħala uġigħ fis-sider ċentrali u kompressiv fic-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, u uġigħ fis-sider li jiggrava meta jimtedd waqt it-*triage* fid-Dipartiment tal-Emerġenza, kienu sintomi differenti mill-preżentazzjoni tipika ta' *aortic dissection.* Dan il-profil tas-sintomi atipiċi għamel id-dijanjosi inqas ovvja għall-persunal mediku li kienu qed jattendu lill Mangion. Bħala riżultat, it-tobba fic-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u fid-Dipartiment tal-Emerġenza taw prijorità li jeskludu attakk tal-qalb u ma setgħux inizjalment jikkunsidraw li l-vittma kellu *aortic dissection*;**

- Illi **t-trattament** ta' *aortic dissection* hija waħda ta' emerġenza u huwa kruċjali. Tipikament tinvolvi kirurġija biex tissewwa l-*aorta* jew mediċini biex titbaxxa l-pressjoni tad-demm u tnaqqas l-istress fuq l-*aorta*. L-approċċ tat-trattament jiddependi fuq il-post u l-firxa tad-dissezzjoni;

- Illi l-**pronjosi** ta' *aortic dissection* tiddependi fuq diversi fatturi, inkluż il-post minn fejn inqatgħet l-*aorta*, il-veloċità tat-trattament, u s-saħħa ġenerali tal-pazjent. **Il-preżentazzjonijiet tard għandhom riżultat ħażin.** Mingħajr trattament, il-kundizzjoni ħafna drabi hija fatali;

- Diversi **fatturi ta' riskju** jżidu l-probabbiltà li tiżviluppa dissezzjoni aortika, peress li jew idgħajfu l-ħajt aortiku jew iżidu l-istress fuqu, u ċans ta' tiċrita huwa aktar probabbli. Pressjoni għolja kronika (**pressjoni tad-demm għolja**) hija **l-aktar fattur ta' riskju sinifikanti** għad-dissezzjoni aortika, peress li tikkawża *wear and tear on the inner lining of the aorta,* u tagħmilha aktar suxxettibbli għal tiċrit.

- **Illi Stephen Mangion kien ibati minn pressjoni għolja għal żmien twil u kien preskritt Perindopril għal din il-kundizzjoni. Madankollu, Mangion ma kienx qed jieħu l-mediċini tiegħu għal pressjoni għolja u kien waqaf jieħu l-**

**medikazzjoni tiegħu sentejn qabel mewtu. Fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, il-pressjoni tad-demm tiegħu tkejlet darbtejn, u ż-żewġ qari wrew pressjoni sistolika li taqbeż il-200mmHg. Fid-Dipartiment tal-Emerġenza, il-pressjoni tad-demm tiegħu kienet irreġistrata 227/107mmHg, u cioe' pressjoni għolja ħafna;**

***ESI Triage System* użat fid-Dipartiment tal-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei**

- Illi d-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei juża sistema ta' *triage* msejħa *Emergency Severity Index (ESI)*. It-*triage* huwa funzjoni ta' infermiera u l-iskop tat-*triage* huwa li jagħżel malajr il-pazjenti li jippreżentaw għall-kura tad-Dipartiment ta' Emerġenza, billi jagħti prijorità lil dawk li għandhom bżonn aktar kura immedjat;

- Illi *Emergency Severity Index (ESI)* huwa strument ta' *triage* b'ħames livelli sempliċi biex jintuża biex jikkategorizza l-pazjenti fid-Dipartiment tal-Emerġenza billi jevalwa kemm l-akutezza tal-pazjent kif ukoll ir-riżorsi meħtieġa. Inizjalment l-infermier tat-*triage* jivvaluta biss il-livell ta' akutezza. Jekk pazjent ma jissodisfax kriterji ta' livell għoli ta' akutezza (ESI livell 1 jew 2), l-infermier tat-*triage* imbagħad jevalwa l-ħtiġijiet mistennija tar-riżorsi

biex jgħin biex jiddetermina livell ta' *triage* (ESI livell 3, 4, jew 5); **(ara dokk 4 -5)**

- Illi s-sistema *Emergency Severity Index (ESI)* hija bbażata fuq sistema Amerikana u bħalissa 94% tad-Dipartimenti tal-Emerġenza tal-Istati Uniti jużaw is-sistema ta' *triage* tal-ESI. L-algoritmu ESI jagħti stratifikazzjoni rapida, riproduċibbli u klinikament rilevanti tal-pazjenti f'ħames gruppi, mil-livell 1 (l-aktar urġenti) għal-livell 5 (l-inqas urġenti). *Triage* preċiż inaqqas il-morbidità u l-mortalità tal-pazjent.

- **Illi l-infermiera fit-*triage*, [redacted] pprijoritizzat b'mod korrett lil Stephen Mangion bħala ESI-2.**

**<u>*Workload* fid-Dipartiment tal-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei fis-27 ta' Awwissu 2024</u>**

- Illi fis-27 ta' Awwissu 2024, numru totali ta' 251 pazjent irreġistraw f'erbgħa u għoxrin siegħa, fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei **(ara dokk numru 6)**

| ESI-1 | ESI-2 | ESI-3 | ESI-4 | ESI-5 |
|---|---|---|---|---|
| 8 | 139 | 83 | 18 | 3 |

- Illi fis-27 ta' Awwissu 2024, 139 każ ġew kkategorizzati bħala ESI-2 jew urġenti

- Illi l-ogħla reġistrazzjoni ESI-2 kienet bejn 19:00 u 21:00 hrs bi tnejn u ghoxrin (22) każ ESI-2 jirreġistraw matul dik it-tieqa tal-ħin. Dan jissarraf f'influss ta' każ urġenti kull 15-il minuta.

- Illi minn dawn il-każijiet, tmiena (8) kellhom uġigħ fis-sider;

- Illi bejn is-18:00 u t-20:00 hrs, erbgħa u erbgħin (44) pazjent irreġistraw fid-Dipartiment tal-Emerġenza li minnhom tlettax (13) kienu sinifikanti biżżejjed biex nżammu l-isptar;

- Illi l-ammont ta' xogħol ta' każijiet ta' prijorità għolja fit-20:00hrs kien;

    a. 2 *resuscitation cases* għaddejjin minn madwar 19:00hrs
    b. 13-il każ ESI-2 pendenti mis-17:30hrs

- Illi mit-20:00 sat-22:00 hrs, total ta' wieħed erbgħin (41) pazjent ġdid gew r-reġistrati fid-Dipartiment tal-Emerġenza, b'total ta' ħamsa u għoxrin (25) ikunu ESI-2s, jiġifieri l-istess kategorija bħal dik ta' **Stephen Mangion**;

| ESI-1 | ESI-2 | ESI-3 | ESI-4 | ESI-5 |
|---|---|---|---|---|
| - | 25 | 13 | 3 | - |

- Illi bejn 20:00-21:00 hrs erbatax-il (14) ESI-2 ġdid gew reġistrati;

- Illi bejn 20:00 u 20:16 hrs kien hemm tnax-il (12) reġistrazzjoni jiġifieri pazjent jaslu l-ED kull 80 sekonda;

- Illi bejn 21:00-22:00 hrs, hames (5) ESI-2 ġodda gew reġistrati;

- Illi fl-22:00 hrs id-Dipartiment tal-Emerġenza kien qed jittratta (stima minima ta' tnejn u tletin (32) każ urġenti ESI-2 attiv u giex (2) każ ESI-1;

- Illi l-uġigħ fis-sider kollu jiġi *triaged* bħala ESI-2 u minn Awwissu 2022, id-Dipartiment tal-Emerġenza adotta *SOP* li immedjatament jagħmel ECG wara *triage*;

- Illi l-ECG huwa rivedut mill-*lead doctor* biex ikun jista jeskludi *acute myocardial ischemia (attakk tal-qalb)*;

- Illi permess li Mangion ippreżenta b'uġigħ fis-sider, [redacted] immedjatament bagħatet lill-pazjent fil-kamra tal-ECG biex jittieħed ECG u biex hekk tkun tista tiġi eskluża kwalunkwe *acute myocardial ischemia* (attakk tal-qalb);

- Illi l-ECG ġie rivedut minn [redacted], u wera sinjali ta' *right budle brand block* (RBBB) iżda l-ebda sinjali ta' *acute myocardial ischemia* (attakk tal-qalb);

- Illi [redacted] ordna li tittieħed t-tieni ECG biex jeżamina n-naħat tal-lemin u ta' wara tal-qalb, biex jiżgura li l-ebda avveniment iskemiku ma jkun qed iseħħ f'partijiet oħra tal-qalb;

- Illi t-tieni ECG ukoll ma wera l-ebda sinjal ta' attakk tal-qalb;

- **Illi [redacted] aġixxa b'mod xieraq, u ma kien hemm l-ebda negliġenza fil-kura li ta lill-Mangion;**

- Illi skont il-MEMO tad-Dipartiment tal-Emerġenza maħruġ fil-21 ta' Ottubru 2022, il-każijiet kollha tal-ESI-2 u l-pazjenti vulnerabbli huma meħtieġa li jistennew fil-*clinical area* klinika quddiem l-iskrivanija tat-tabib f'Area 1, fejn ikunu jistgħu jiġu sorveljati mill-persunal mediku u l-infermiera, minflokk li jistennew barra, fir-*main reception* tad-Dipartiment tal-Emerġenza;

- **Illi Stephen Mangion fil-fatt, intalab jistenna fiż-żona magħżula quddiem l-iskrivanija tat-tobba fl-*Area 1*, u ma stenniex fil-*main reception* tad-Dipartiment tal-Emerġenza;**

- Illi Stephen Mangion kien qed jistenna biex jissejjaħ minn Area 3, fejn fis-27 ta' Awwissu 2024, mit-8pm sat-8am kien jikkonsisti t-tim tat-tobba;

| | | |
|---|---|---|
| [redacted] | Resident Specialist | [redacted] |
| [redacted] | Higher Specialist Trainee 2 | [redacted] |
| [redacted] | Extended Foundation Year Doctor | [redacted] |
| [redacted] | Foundation Year Doctor (*houseman*) | |
| [redacted] | Foundation Year Doctor (*houseman*) | [redacted] |
| [redacted] | Foundation Year Doctor (*houseman*) | [redacted] |

- Illi bejn it-20:00 u l-22:00pm, Dr Josef Mifsud kellu tmien każijiet kif elenkati hawn taħt, li fuqhom kien qed jaħdem b'mod attiv;

| ID | Surname | Name | Complaint Written by Receptionist | Reg Time | Triage Time | First Med Cont Time |
|---|---|---|---|---|---|---|
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | CONFUSION | 17.48 | 17.56 | 20.17 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | OD*** | 18.46 | 18.48 | 20.17 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | COMPRESSIVE CHEST PAIN | 20.00 | 20.16 | 23.35 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | TIA? | 20.05 | 20.21 | 20.49 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | PSYCH** | 20.14 | 20.15 | 22.10 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | SOB | 21.20 | 21.23 | 21.40 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | HI/?CONFUSED | 22.51 | 23.19 | 00:49 – Senior of |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | HYPOTENSION | 21:15 | 21:18 | 22:03 – Senior of |

- Illi bejn it-20:00 u l-22:00pm, Dr Maria Cutajar kellha seba' każijiet kif elenkati hawn taħt, li fuqhom kien qed taħdem b'mod attiv;

| ID | Surname | Name | Complaint Written by Receptionist | Reg Time | Triage Time | First Med Contact Time |
|---|---|---|---|---|---|---|
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | HEADACHE | 15.04 | 15.23 | 15.47 – Handover at 8pm |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | LETHARGY | 16.30 | 16.32 | 17.55 – Handover at 8pm |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | FALL | 18.47 | 18.58 | 20.32 – Senior of Cas |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | OPHTH | 18.59 | 19.20 | 19.59 – Senior of Cas |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | COMPRESSIVE CHEST PAIN | 19.21 | 19.31 | 21.29 – Senior of Cas |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | RENAL COLIC | 19.24 | 19.38 | 21.23 – Senior of Cas |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | PSYCH** | 20.14 | 20.15 | 22.10 – Senior of Cas |
| [redacted] | [redacted] | [redacted] | SOB | 21.20 | 21.23 | 21.40 – Senior of Cas |

- Illi l-*work load* tal-każijiet f'*Area* 3 kienet kbira ħafna u t-tobba f'*Area* 3 kienu qed jaħdmu fuq każijiet ESI-2 li tqiesu bħala ta' aktar prijorità minħabba l-kundizzjoni instabbli tal-pazjent fi ħdan il-grupp ta' pazjenti ESI-2 pendenti,

minn dak ta' Stephen Mangion, li dak il-ħin kien f'kundizzjoni stabbli bilqiegħda quddiem id-*doctor's desk* f'*Area* 1;

- **Illi l-esponent ma sab l-ebda negliġenza jew *neglect of duty* mit-tobba ta' Area 3, fir-rigward ta' Stephen Mangion;**

**Illi l-esponent jikkonkludi li ma kien hemm l-ebda negliġenza min-naħa tat-tobba fil-kura mogħtija lil Stephen Mangion. Il-fatt li Mangion ma kienx jieħu l-medikazzjoni tiegħu ghall-pressjoni għolja, mar ifittex l-għajnuna medika tard, u cioe' ħmistax-il siegħa wara li bdew is-sintomi, u s-sintomi atipiċi tiegħu, li ma kinux speċifiċi għal *aortic dissection*, ifisser li l-istaff mediku ma setax raġonevolment jipprevedi l-kundizzjoni tiegħu.**

Illi flimkien ma' dan ir-rapport, l-esponent qed izzid il-file mediku shih tad-Dipartiment tal-Emergenza ghall-espisodju in kwistjoni.

**Illi fuq inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti, [redacted] u Dr [redacted], halfu ir-relazzjoni taghhom, nhar is-6 ta' Settembru , 2024 li konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala Dok DP, fejn gie konkluz;**

**a)** The cause of death in this case is certified as being due to a cardiac tamponade secondary to an extensive aortic dissection involving the ascending, arch and descending aorta.

**b)** A background of atherosclerotic ischaemic heart disease and myocardial hypertrophy (of hypertensive type) is present, which is contributory to death.

**Illi fuq inkarigu mill-Magistrat Inkwirenti, [redacted], halef ir-relazzjoni tieghu, nhar is-6 ta' Settembru, 2024 li konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala Dok JG, fejn gie konkluz;**

Action taken by [redacted]

On the 29th of August 2024, I was informed that Inquiring Magistrate Dr. Joseph Mifsud LL.D., had appointed Cyber Crime Uniet personnel in order to assist in the criminal inquest concerning the death of Stephen Mangion which occurred at Mater Dei Hospital on the 28th August 2024.

A submission form submitted by [redacted] was sent with the specifics of the tasks which needed to be carried out by Cyber Crim Unit officers **(Annex 1).** Being on duty I was ordered to preserve specific content on a facebook page namely "Il-Kotra" of a post posted by a profile namely "Manuel Debono" and any of it's content (comments, etc.) No URL link was provided of "Manuel Debono", also following technical enquiries Facebook page in regards of "Manuel Debono" was no longer active. Given that the Facebook profile and URL link of "Manuel Debono" were not available, nor found while ongoing technical enquiries (deleted), we couldn't send a request to META (Facebook) as per below clause:

*Public Information on Facebook*
*What Happens to content (posts, pictures) that I delete from Facebook?*
*When you choose to delete something you shared on Facebook, we remove it from the site. Some of this information is permanently deleted from our servers; however some things can only be deleted when you* ***permanently delete your account.***

Open article Copy link

Following the above request, several other content was also requested to be preserved, as it relates to the ongoing inquiry. In accordance with the instructions provided by the inquiring magistrate, the following preservations were made from the "Il-Kotra" Facebook group and Facebook *Profiles (Content is to be found in pages 4, 5 and 6 in my report Dok JG).*

**Content requested to preserve from Facebook by the Magisterial Inquiry**

[redacted] was instructed to preserve the following content, which are related to Facebook posts, posted by the following mentioned profiles, which same posts can also be found in a Facebbok group namely "Il-Kotra".

**MANUEL DEBONO (Annex 2)**: NO URL provided nor found any data in relation to the profile in question. But a screenshot was preserved of the post which he had managed to post, before the account was deleted. Screenshot was provided along with the submission form, signed by Inspector Michael Vella.

**JASON AZZOPARDI (Annex 3):**

https://www.facebook.com/story.php?story_fbid=1060396845457046&id=100044602201980&rdid=VVzFx2h7qDkbOsqX

**KEITH GOODLIP (Annex 4):**

https://www.facebook.com/neoakira ( vide as per page 4 of report)

**CHARLIES ZAMMIT (Annex 5):**

https://www.facebook.com/Zammit8844 (vide as per page 4 of report)

Conclusion

Upon reviewing the information that was requested and subsequently preserved, it has been determined that the content is indeed relevant to the case which is

currently under investigation. The face that the Facebook profile of "Manuel Debono" was deleted, we cannot conclude whether it was a fake profile or not.

Moreover, a thorough assessment of the preserved content did not reveal any evidence of illegality, nor were there any indications of hate speech or any other form of harmful communication that would necessitate further legal scrutiny. Given the absence of such elements, the Cyber Crime Unit has determined that it is not appropriate or necessary to proceed with further Technical Online Enquiries at this time. This includes refraining from requesting additional technical information from Facebook (META) regarding the matter.

The preservation has been formally recorded and is registered under the Cyber Crime Unit's Technical Online Enquiries (TOE) case reference number: CCU/TOE/1029/2024. A soft copy including all preservations and report can be found in **Annex 7** of report.

**Illi l-Magistrat Inkwirenti ilum it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024 ha x-xhieda tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Sahha fejn ipprezenta zewg dokumenti Dok JC 1 u Dok JC 2**

47

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI FINALI

**Ir-responsabilta' tat-tmexxija tal-Isptar Mater Dei u tac-Centru tas-sahha Floriana**

Il-Magistrat Inkwirenti qis li min jipprovdi servizzi fil-qasam tas-sahha qieghed jassumi obbligazzjonijiet kontrattwali mal-pazjenti li joffrilhom mhux biss kura adegwata fl-isptar, permezz tal-istaff, tobba u servizzi medici, imma jkun qed joffri post fejn is-sahha u s-sigurta' tal- istess pazjenti hija wkoll mharsa. B'dan ma jfissirx li sptar ghandu jkun responsabbli sal-grad massimu ta' strict liability. Madankollu Sptar huwa tenut li joffri facilitajiet li huma ragjonevolment mahsuba biex jipprotegu lill-pazjent minn dannu u periklu.

Meta l-pazjent jidhol f'lok marbut mal-qasam tas-sahha, inholqot relazzjoni bejn il-pazjent u l-isptar fil-forma ta' hospitalization contract.

Ghaldaqstant ikunu obbligati li jipprovdu ghall-kura u ghas-sigurta tal-pazjent taghhom sal-grad rikjest bil-Ligi abbazi tal-kuntratt in forza bejnhom u l- pazjent hemm rikoverat. Ghan-nuqqasijiet tal-impjegati taghhom li joffru servizzi ta' kura fl-isptar kommessi fil-kors tal-adempiment ta' xogholhom, u dan ghaliex jifformaw parti mill-prestazzjonijiet li jinghataw fil- kuntratt ta' servizz.

L-artikolu 1037 tal-Kap. 16 jiddisponi illi:-

*"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl- esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi."*

Kif ritenut fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet **Maggur Alfred Briffa et v. The Golden Shepherd Group Limited** et:

"Riferibbilment ghar-responsabbiltà ta' Sptar, il- gurisprudenza taghna ma tistabilixxix linja gwida ghajr ghall-applikazzjoni tal-principi generali stabbiliti mil-Ligi, senjatament l-artikolu 1032 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat. Dan gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut -v- CGMO et.** - PA(RCP) dec. fit- 12/12/2002. Il-Qorti applikat il-principju ta' responsabbilta' ghall-culpa in eligendo/vigilando, liema kuncett gie "*gie estiz fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l- persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont id- dispozizzjonijiet fuq citati u l-artikolu 1037 tal-Kap 16.*"

Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "**Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija**" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li "*kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il- persuna, minhabba*

*nuqqas ta' hila taghmel dannu lill- haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi"*, b'dan li ghandhom jirrispondu ghall- inkompetenza u negligenza tal-addetti u impjegati taghhom. Tal-istess portata hija s-sentenza "**Naudi vs Schembri**" (A.K. 13 ta' Mejju 1991) u "**John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); "**Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello**" (A.C. 28 ta' Gunju 2002) u "**Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation**" (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95).

Fil-kawza precitata, "**Sammut -v- CGMO**" il-Qorti kkonkludiet li "*ma hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalità taghhom premessa huma responsabbli ghall-operat tal- funzjonarji taghhom u wkoll ghad-decizjonijiet li inhadu mill-istess staff taghhom u anke ghad-decizjonijiet il-hziena u negligenti li nhadu mill-istess awtoritajiet inkluzi l- konvenuti fil-kwalita' ufficjali taghhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiz-zmien in kwistjoni u l- persuni responsabbli mit-tmexxija tal-istess Sptar.*" *U rritetniet li* "*l-funzjoni tal-Chief Government Medical Officer ma tieqafx biss fl-ghazla u l-hatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll ghas-sorveljanza u l- amministrazzjoni gornaljera tal-addetti tieghu, u fejn dawn jonqsu hu ghandu d-dover li jaghmel tajjeb ghad-danni kagjonati minnhom.* "

Il-Magistrat Inkwirenti jaghmel referenza ghad-decizjoni **Rabone and another (Appellants) v Pennine Care NHS Foundation Trust (Respondent)** li kien deciz Lord Walker, Lady Hale, Lord Brown, Lord Mance u Lord Dyson fit-8 ta' Frar 2012:

*... if the hospital authorities have performed their obligation to adopt appropriate general measures for the protection of the lives of patients in hospitals (for example, by ensuring that competent staff are recruited, high professional standards are maintained and suitable systems of work are put in place), casual acts of negligence by members of staff will not give rise to a breach of article 2*[6].

*[...]*

*the operational duty will be held to exist where there has been an assumption of responsibility by the state for the individual's welfare and safety (including by the exercise of control). The paradigm example of assumption of responsibility is where the state has detained an individual, whether in prison, in a psychiatric hospital, in an immigration detention centre or otherwise. The operational obligations apply to all detainees, but are particularly stringent in relation to those who are especially vulnerable by reason of their physical or mental condition.*[7]

Fil-kaz **Powell v United Kingdom (2000) 30 EHRR CD 362** intqal:

*"The court accepts that it cannot be excluded that the acts and omissions of the authorities in the field of health care policy may in certain circumstances engage their responsibility under the positive limb of article 2. However, where a contracting state had made adequate*

[6] Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

[7] Ara Keenan (prisoner suffering from a mental disorder) u Tarariyeva v Russia (2009) 48 EHRR 609 (person detained in a prison hospital suffering from a serious physical illness)

*provision for securing high professional standards among health professionals and the protection of the lives of patients, it cannot accept that matters such as error of judgment on the part of a health professional or negligent coordination among health professionals in the treatment of a particular patient are sufficient of themselves to call a contracting state to account from the standpoint of its positive obligations under article 2 of the Convention to protect life."*

Lord Rodger fil-kaz **Mitchell v Glasgow City Council [2009] AC 874,** para 66 qal:

*"...where a state has assumed responsibility for an individual, whether by taking him into custody, by imprisoning him, detaining him under mental health legislation, or conscripting him into the armed forces, the state assumes responsibility for that individual's safety. So in these circumstances police authorities, prison authorities, health authorities and the armed forces are all subject to positive obligations to protect the lives of those in their care. "*

Fil-kaz **Adomako**[8] kienu elenkati l-elementi ta' *gross negligence manslaughter:*

*(1) A duty of care owed by the defendant to the victim.*

*(2) A breach of the duty of care applying the ordinary principles of negligence.*

[8] R v Adomako [1994] 3 WLR 288 House of Lords

*(3) The death of the victim was caused by the negligent breach of the duty of care.*

*(4) The defendant's conduct departed from the proper standards of care to such an extent, involving as it must have done a risk of death to the victim, that it should be judged by the jury as criminal.*

**L-Evidenza**

Fis-sentenza fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Fabio Schembri** deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2010, il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-principji legali li ghandhom jirregolaw dik it-tip ta' evidenza li hija klassifikata bhala "real evidence". F'dik is-sentenza il-Qorti ghamlitha cara li gurisprudenza tikkunsidra filmati bhala *real evidence*. Il-Qorti imbaghad ghamlet riferenza ghall-Cross, ***On Evidence*** fejn l-awtur jaghti definizzjoni ta' din ir-real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

53

Cross imbaghad jghaddi sabiex jelenka id-diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence". Fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jikkummenta:

*'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'".*

Il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-awtur Murphy u l-ktieb tieghu ***'A Practical Approach to Evidence'*** (3rd Ed) fejn jiddefinixxi *real evidence* bhala:

*"A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ... 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal*

54

*of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Murphy jkompli jishaq li: *'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'."*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986)**, Ralph Gibson LJ ighid:

*"Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[9]

[9] Informazzjoni ikkwotata fis-sentenza suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri.

**Il-Kuncett ta' Negligenza**

**L-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9**

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabbilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225,[10] 226[11] u 328[12] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u*

[10] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[11] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[12] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl artikolu 218, il piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

*nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*. Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikoli 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa bbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[13] Jekk wiehed iqis it-termini uzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

---

[13] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

57

Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* mhumiex moghtija definizzjoni mill-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[14].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[15]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[16].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'"*.[17]

[14] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69

[15] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)

[16] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)

[17] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[18] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**[19], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*

[18] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)

[19] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

**<u>Il-kuncett tal-*bonus pater familias*</u>**

Il-Magistrat Inkwirenti jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[20] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest

[20] App Nru 192/08

ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

> **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland*[21]:**
>
>> **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one**

[21] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[22]

U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[23] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable

[22] Para. 7.28, pp. 232-233.

[23] Para. 7.45, p. 241; "...negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

man would have foreseen it. As Hall[24] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.*

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether...reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was

[24] Hall, J., *General Principles of Criminal Law* 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[25]

**KONKLUZZJONI FINALI**

- **Il-Magistrat Inkwirenti jaghmel tieghu l-konkluzzjonijiet ragunti mill-esperti nominate minnu u hija tal-fehma tieghu li ma jezistux ragunijiet biex jittiehdu xi passi kriminali fil-konfront tal-operaturi tas-sahha involuti fil-kaz, anzi jzid jghid li dawn ghamlu dak kollu mehtieg biex jaghtu servizz professjonali u fic-cirkostanzi jippruvaw isalvaw il-hajja.**

- L-allegazzjonijiet li saru u li jolqtu l-meritu tal-inkjesta ma nstabux li huma msejsa fuq il-provi: la tax-xiehda okulari u l-anqas dawk dokumentarji.

[25] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

- Dak li sabet l-Inkjesta jikkuntrasta hafna ma' dak li kien allegat fil-profil fantazma "Manuel Debono" li holoq alarm pubbliku u biza' bla bzonn. Il-qasam tas-sahha ghandu jibqa' 'l boghod minn polemici pubblici.

- Il-Magistrat Inkwirenti jheggeg lir-rapprezentanti tal-operaturi kollha fil-qasam tas-sahha biex l-ilmenti u l-wegghat taghhom ikunu indirizzati direttament lil min hu responsabbli u mhux jinqdew mill-mezzi tax-xandir biex iwasslu messagg.

- Ghandu jkun hemm mekkanizmu li operaturi tal-Istat meta jkun hemm min jaghmel allegazzjoni dwarhom, wara li jsiru l-verifiki necessarji ghandhom jittiehdu l-passi biex dawn il-persuni tkun imharrsa r-reputazzjoni taghhom.

- Lil hinn minn dan il-kaz mhux sew li f'dan il-pajjiz spiccajna kulhadd jghid li jrid u hadd ma jwiegeb ghal eghmilu u ghal dak li jkun qal meta jirrizulta li kien falz jew kif inhu msejjah *fake news*[26]. Min jikkummenta jew jikteb x'poezija wara li qara post

[26] Ara decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Luigi Duca fejn intqal: *"F'pajjizna ma jistax ikun li nibqghu nittolleraw li f'gieh l-espressjoni hielsa tal-kelma nfarku persuni minghajr dawn ma jkollhom rimedju. Meta tixxandar allegazzjoni falza fuq persuna tohloq dannu kbir mhux biss lilha imma l-qraba taghha u dawk li jahdmu mal-istess persuna. Meta jsiru allegazzjonijiet foloz kif saru f'dan il-kaz, wiehed jista' jqablu bhal kaz fejn persuna jkollha xkora mimlija rix, tmur fix-xaghri u tferrex dak ir-rix. Wara tiddeciedi li tipprova tigbor dak ir-rih izda ma jirnexxiliex tigbor ir-rix kollu. Hekk jigri meta jsiru allegazzjonijiet bhal ma saru f'dan il-kaz fejn persuna li qeghda taghti hajjitha ghal dawk l-ifqar fost il-fqar tispicca akkuzata b'misapproprijazzjoni ta' donazzjonijiet li l-Maltin u l-Ghawdxin jaghtu lill-missjunarji taghna."*

minn fake profile ghandhom joqghodu hafna aktar attenti u jibbazaw il-kitbiet taghhom

- Il-Legislatur ghandu jerga' jikkonsidra li jdahhal l-artikolu 252 li tnehha mill-Kodici Kriminali. Dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-operaturi tal-media u kif kien jipprovdi Artikolu 256 li kien jispecifika li l-operaturi tal-media kien japplika ghalihom l-Att dwar l-Istampa[27]. Sar sew li tnehha l-libell kriminali imma ma kienx jaghmel sens li tnehha artikolu 252[28] li kien jghid "*Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tlett xhur jew il-multa*".

- Il-Magistrat Inkwirenti jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' April 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vella** fejn kienet spjegat dwar dan l-artiklu mhassar[29].

[27] Illum l-Att dwar il-Midja u l-Malafama

[28] Dan l-artikolu 252(1) llum m'ghadux jezisti u gie abolit bis-sahha tal-Att XI tal-2018

[29] "Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna - imqar terza persuna wahda - ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali."

- Il-Magistrat Inkwirenti jsellem lill-qraba tal-vittma fosthom l-ex martu [redacted] li kien spjegat lilha kif kienet se tizviluppa din l-inkjesta' u xi jrid ikun konstatat u anke ghal mod kif pubblikament canfret lil min kien qieghed jinqeghda bil-mewt ta' zewgha biex jghaddu kummenti meta l-qraba kien qeghdin igarbu d-dulur ta' din il-mewt.

- Il-Magistrat Inkwirenti ha nota tad-Dokumenti ***Mater Dei Action Plan*** (Dok JC 1) u ***A National Health Systems Strategy for Malta 2023 - 2033*** (Dok JC 2) biex ikompli jitjieb is-servizz li jinghata fid-Dipartiment tal-Emergenza fejn is-sotto skritt waqt l-access sab operaturi tas-sahha determinati li jaghmlu dak kollu possibli biex isalvaw il-hajjiet anke meta jkun hemm mehtieg hidma aktar minhabba incidenti serji f'inhawi varji tal-pajjiz kif kien il-jum meta tilef hajtu Stephen Mangion.

**Magħmulha dawn il-kostatazzjonijiet, u peress illi f' din l-inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti ma giex infurmat b' xi zvilupp iehor fl-investigazzjoni, il-Maġistrat Inkwerenti għalaq l-inkjesta, irrediega il-preżenti process verbal, għaqad miegħu r-rapport tal-Ispettur [redacted] u r-relazzjonijiet tal-esperti maħtura, jidher illi ma jirriżultax li hemm xi dolo, culpa jew mora min-naħa ta' terzi u għalhekk qed jibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.**

**Il-Magistrat Inkwirenti jirrakomanda lill-Avukat Generali li l-*Proces Verbal* ikun ippubblikat minhabba l-alarm pubbliku li nholoq dwar l-**

allegazzjonijiet li kien hemm dwar dak li sehh fil-kaz, biex il-pubbliku jkun infurmat x'tassew x'gara f'dik il-lejla.

Tordna ukoll li kopja ta' dan il-Process Verbal tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija u jirrakomanda li l-persuni indikati fir-rapport tal-espert tas-cybercrime tingibdilhom l-attenzjoni li l-kummenti u l-poeziji ghandhom ikunu bbazati fuq fatti f'cirkostanzi serji bhal dawn fejn persuna tilfet hajjitha bi qraba u hbieb tieghu ikunu imbikkma bic-cirkostanzi.

Tordna wkoll li kopja ta' dan il-Process Verbal jintbaghat lill-Ministru tas-Sahha Mr Jo Etienne Abela, lis-Segretarju Permanenti tas-Sahha s-Sur Joseph Chetcuti u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Dr. Joseph Mifsud LL.D
Magistrat Inkwirenti